MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 557/2004/1

**SMS Insurance Agency Limited agent tas-socjeta` estera Ecclesiatical Insurance Office, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha s-socjeta` Time International Company Limited.**

**vs**

**Airmalta Co. Ltd, Freight Services Limited u b'digriet tal-31 ta' Mejju 2001 is-socjeta` Alitalia Airlines giet imsejha fil-kawza u b'digriet tal-10 t'Awwissu 2001 l-isem Alitalia Airlines gie mibdul bl-isem Alitalia Linee Aeree Italiane s.p.a. u *inoltre* b'digriet tas-26 ta' Mejju 2008 il-kliem Air Malta Co. Ltd. gew sostitwiti bil-kliem Air Malta p.l.c.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell tal-kumpanija konvenuta Air Malta p.l.c. datat 15 ta' Lulju 2008 a fol. 1 tal-process, fejn esponiet:-

## 1. It-talbiet u l-eccezzjonijiet

Illi f'din il-kawza, SMS Insurance Agency Limited, agent tas-socjeta`' estera Ecclesiastical Insurance Office, ipprocediet kontra Air Malta Co. Limited u Freight Services Limited ghas-somma ta' Lm1,653.48, konsistenti f'danni allegatament sofferti mill-assikurata taghha Time International Co. Limited, wara li parti minn konsenja ta' nuccalijiet Oakley irrizultat nieqsa u parti ohra mkissra.

Illi l-attrici ippremettiet illi l-assikurata taghha Time International Co. Ltd kienet qabdet lil Freight Services Limited biex tiehu hsieb l-importazzjoni u l-konsenja tal-merkanzija, pero` meta Time rceviet il-konsenja minghand Freight Services Limited nhar il-31 ta' Lulju, 2000 hija ndunat b'xi nuqqasijiet u l-hsarat. L-attrici sostniet illi hija hallset lill-assikurata taghha Lm1,531 bhala kumpens u hallset ukoll lil David Curmi & Associates Limited Lm122.48 biex jippreparaw rapport dwar il-kaz. Hija ghalhekk talbet is-somma totali ta' LM1,653.48 minghand Freight Services Limited pero` wkoll minghand l-esponenti Air Malta plc li, skond l-attrici, ukoll kienet responsabbli ghall-konsenja tal-merkanzija.

Illi l-appellanta Air Malta plc eccepiet:-

(i) Preliminarjament illi l-merkanzija *de quo* ma ngarritx minnha imma mill-vettural Alitalia Airlines, liema *carrier* kellu ghalhekk jissejjah fil-kawza. F'dan ir-rigward jinghad li l-kumpanija "Alitalia Linee Aeree Italiane Spa" ("Alitalia") giet imsejha fil-kawza u pprezentat l-eccezzjonijiet taghha.

(ii) Illi fit-tieni lok ma jidhirx illi d-ditta ricevitrici u/jew l-assikurazzjoni attrici nterpellaw lill-vettural u/jew lis-socjeta` eccipjenti fit-termini previsti fil-kondizzjonijiet tal-garr u mil-ligi.

(iii) Illi f'kull kaz is-socjeta` eccipjenti ma hija responsabbli ghal ebda dannu reklamat mis-socjeta` attrici.

Illi Freight Services Limited min-naha taghha eccepiet illi t-talbiet tal-atturi fil-konfront taghha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi hija mhijiex responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsara allegati mis-socjeta` attrici fil-konsenja tal-merkanzija in kwestjoni.

Illi Alitalia Airlines, kjamata fil-kawza, eccepiet:-

(i) Illi d-ditta Alitalia Airlines ma tezistix u mhix il-legittimu kontradittur. Din l-eccezzjoni giet sorvolata wara talba ghal korrezzjoni fl-isem tal-kjamata in kawza.

(ii) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-ebda talba ma saret lill-eccipjenti fit-termini previsti fil-kundizzjonijiet tal-garr a tenur tal-Warsaw Convention u mil-ligi.

(iii) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-ammont mhux dovut.

(iv) Illi f'kull kaz l-eccipjenti mhix responsabbli ghad-danni.

## 2. Is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati

Illi f'sentenza tal-25 ta' Gunju, 2008 il-Qorti tal-Magistrati kkonkludiet:-

Illi jirrizulta li sakemm il-merkanzija *de quo* kienet f'idejn is-socjeta` Taljana jirrizulta li kienet intatta u kien biss wara li din ghaddiet f'idejn l-impjegati tal-Air Malta li l-pozizzjoni nbidlet.

Il-Qorti kompliet tosserva illi:-

Ghalkemm is-socjeta` Air Malta ssostni fl-eccezzjonijiet taghha li ma kinitx infurmata tempestivament pero` xejn ma jbiddel il-fatt li l-istess hsarat riskontrati kienu sehhew

meta l-merkanzija *de quo* kienet fil-pussess tal-istess socjeta`

Konsegwentement illi Qorti ddecidiet billi

fil-waqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta` Air Malta Company Limited, takkolji l-eccezzjonijiet tas-socjeta` Freight Services Limited u tal-Alitalia Linee Aeree Italiane s.p.a. u tas-socjeta` attrici [sic] u tikkundanna lis-socjeta` Air Malta Company Limited biex thallas lis-socjeta` attrici SMS Insurance Agency Limited noe l-ammont ta' elf sitt mija u tlieta u hamsin Lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm1,653.48), ekwivalenti ghal tliet elef tmien mija u wiehed u hamsin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€3,851.57) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti.

Illi l-esponenti thossha aggravata b'din is-sentenza u minnha qed tinterponi dan l-umli appell.

**3. L-aggravji**

Illi l-aggravji tas-socjeta` appellanti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

(i) L-Ewwel Onorabbli Qorti skartat it-tieni eccezzjoni tal-AirMalta plc dwar in-nuqqas ta' avviz *ai termini* tal-Konvenzjoni ta' Varsavja (eccezzjoni mressqa wkoll mill-Alitalia) u dan a bazi ta' kunsiderazzjonijiet li huma irrelevanti ghall-materja ta' din l-eccezzjoni.

(ii) L-Ewwel Onorabbli Qorti injorat ghal kollox l-ewwel eccezzjoni tal-appellanta u jidher li ma kkunsidratx il-fatt illi bhala *cargo handler* tal-Alitalia, l-esponenti ma kellha ebda relazzjoni kuntrattwali mal-atturi.

(iii) Fil-mertu, ir-responsabbilta` tal-esponenti ma gietx ippruvata.

3.1 <u>L-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tilqa' l-eccezzjoni dwar in-nuqqas f'avviz *ai termini* tal-Konvenzjoni ta' Varsavia.</u>

Illi dan l-aggravju tal-appellanta ghandu qabel xejn aspett purament procedurali. L-esponenti tissottometti illi l-eccezzjoni rigward in-nuqqas t'avviz hija ta' natura preliminari u ghalhekk kellha tigi deciza qabel kull konsiderazzjoni dwar il-mertu. B'kull rispett pero` f'dan il-kaz tpogga l-karrettun qabel iz-ziemel, fis-sens illi jidher li l-Ewwel Onorabbli Qorti l-ewwel iddecidiet li l-AirMalta plc hija responsabbli ghad-danni pretizi, u mbaghad cahdet l-eccezzjoni preliminari abbazi tal-fatt illi "xejn ma jbiddel il-fatt li l-hsarat riskontrati kienu sehhew meta l-merkanzija kienet fil-pussess tal-istess socjeta`". L-esponenti umilment tirrileva pero` illi l-punt li kellu jigu kkunsidrat ghall-iskopijiet ta' din l-eccezzjoni kien unikament jekk sarx avviz mill-atturi jew mir-ricevitur skont it-termini tal-Konvenzjoni ta' Varsavja. Kull kunsiderazzjoni fil-mertu hija ghal kollox irrelevanti ghal dan l-iskop. Anzi, l-esponenti ttenni illi, li kieku l-Qorti hasset li kellha tilqa' l-eccezzjoni dwar in-nuqqas t’avviz, lanqas kien ikollha ghalfejn tidhol f’ezami dwar responsabbilta` tal-konvenuti. Minflok, il-Qorti l-ewwel ghamlet dan l-ezami u mbaghad uzat il-konkluzjonijiet taghha fil-mertu biex cahdet l-eccezzjoni preliminari. L-appellanta thoss bir-rispett illi l-*iter* tar-ragunament tal-Qorti kien zbaljat.

Illi wkoll mil-lat procedurali, id-*decide* huwa bir-rispett kontradittorju ghaliex il-Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-Air Malta plc imma fl-istess hin laqghet dawk tal-Alitalia Linee Aeree Italiane s.p.a meta din tal-ahhar ukoll kienet qed teccepixxi li ma sarx avviz mill-atturi skont il-Konvenzjoni ta' Varsavja! Ghalhekk il-Qorti kellha *semmai* jew tichad l-eccezzjoni tal-Alitalia, jew inkella tilqa' din l-eccezzjoni kemm safejn saret mill-AirMalta u kemm mill-Alitalia.

Illi b'zieda u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tissottometti illi fuq l-iskorta tax-xiehda prodotta, l-eccezzjoni tal-AirMalta (u tal-Alitalia) dwar in-nuqqas f’ avviz kellha tintlaqa'. F'dan ir-rigward, l-appellanta se taghmel referenza ghan-nota t'osservazzjonijiet ipprezentata minnha quddiem l-Ewwel Qorti u sa certu punt ser tirriproduci l-argumenti minnha mressqa fil-Prim’ Istanza.

Illi l-ewwelnett hemm *in atti* konferma minn Dr Christopher Spiteri f'isem l-Air Malta (senjatament fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni pprezentata man-nota tal-eccezzjonijiet), illi l-appellanta ma rceviet ebda *claim* la minghand l-importatrici u lanqas minghand l-assikurazzjoni taghha, u b'hekk it-termini mposti mill-kundizzjonijiet tal-garr u mill-provvedimenti tal-**Warsaw Convention** ma gewx rispettati. Saviour Mallia (a fol. 142) jispecifika:-

*"Ahna sirna nafu b'dan il-kaz meta waslitilna ittra bl-Avukat Dr. Chircop ghan-nom ta' Time International, datata l-1 ta' April tas-sena 2001".*

Illi fin-nota taghha quddiem l-Ewwel Qorti l-attrici sostniet illi l-konvenuta m'ghandhiex il-jedd illi tinvoka l-artikoli tal-Warsaw Convention u dan minhabba illi hija agixxiet bhala *handler* u mhux bhala *carrier*. Waqt li mhuwiex qed jigi kkontestat illi l-AirMalta ma kinitx hija stess il-*carrier*, l-esponenti tirrileva illi hija ma kinitx qieghda tagixxi fuq inkarigu mill-importaturi imma bhala kuntrattur tal-*carrier*. Dan *ai termini* tal-ftehim ezebit. Ir-relazzjoni guridika ta' l-AirMalta ghalhekk hija *semmai* esklussivament mal-Alitalia, waqt illi l-attrici ghandha pretensjoni kontra l-Alitalia bhala *carrier*. Fil-fatt l-*Airway Bill* nhareg mill-Alitalia, li allura kellha r-responsabbilta` sal-konsenja tal-merkanzija.

Illi l-Konvenzjoni ta' Varsavja fl-**artikolu 18** tghid hekk:-

**Article 18**

1. *The carrier is liable for damage sustained in the event of the destruction or loss of, or of damage to, any registered luggage or any goods, if the occurrence which caused the damage so sustained took place during the carriage by air.*

2. **The carriage by air within the meaning of the preceding paragraph comprises the period during which the luggage or goods are in charge of the carrier, whether in an aerodrome or on board an**

**aircraft**, or, in the case of a landing outside an aerodrome, in any place whatsoever. [emfazi mizjuda].

Illi ghalhekk, fic-cirkustanzi tal-kaz in ezami, jekk qed jigi allegat illi saru hsarat waqt li l-merkanzija kienet fl-ajruport ghandha tapplika l-Konvenzjoni ta' Varsavja u dan ghaliex, *stante* li l-Air Malta kienet qed tagixxi bhala kuntrattur ta' l-Alitalia, il-merkanzija ghandha titqies li kienet ghadha "*in the charge of the carrier*" ghall-iskopijiet ta' l-Artikolu msemmi.

Illi **l-klawsola 12 tal-Konvenzjoni ta' Varsavja** tistabilixxi illi:

*“The person entitled to delivery must make a complaint to the carrier in writing in the case:*

*12.1.1 of visible damage to the goods, immediately after discovery of the damage and at the latest within fourteen (14) days from receipt of the goods;*

*12.1.2 of other damage to the goods, within fourteen (14) days from the date of receipt of the goods*

*12.1.3 of delay, within twenty-one (21) days of the date the goods are placed at his disposal and*

*12.1.4 of non-delivery of goods, within one hundred and twenty (120) days from the date of the issue of the air waybill.*

Illi fil-kaz in ezami, ir-rilaxx sehh fit-28 ta' Lulju, 2000 (ara xiehda Emanuel Galdes a fol. 135) waqt li Saviour Mallia jixhed illi l-ewwel darba illi l-AirMalta rceviet *claim* dwar in-nuqqasijiet pretizi mir-ricevitur kien biss fl-1 ta’ April 2001, jigifieri aktar minn tmien xhur wara. Illi lanqas mir-*records* ta' l-Alitalia ma jirrizulta illi saret *claim ai termini* tal-Konvenzjoni ta' Varsavja, kif jixhed Bruno Gasperini:-

*“The practice which Alitalia operates on ... is that a claim has to be entered within fourteen days from the receipt of the items... Alitalia came to know about the claim which is*

*the matter of this case about a year after the... was received. We came to know this through these proceedings".*

Dan il-fatt jikkonfermawh ix-xiehda mressqa mill-atturi stess. Hekk, Nick Scicluna *Financial Controller* ta' Time International Co Ltd jghid illi d-dokumentazzjoni rigward il-*claim "ghaddejnieha lis-socjeta` assikuratrici taghna, cioe` lill-SMS"* u ma jghidx li tressqet xi *claim* lil Alitalia jew Air Malta. Manwel Borg, *Retail Manager* ma' Time International Co Ltd huwa izjed car: *"Ahna ma nfurmajnihomx lil Air Malta meta sibna dawn in-nuqqasijiet. Ahna li ghamilna huwa kif kellna naghmlu cioe` infurmajna lill-insurance taghna".*

Illi fis-sentenza taghha, l-Ewwel Onorabbli Qorti donna qed tissuggerixxi illi t-termini fil-Konvenzjoni ta' Varsavja ghandhom jigu "injorati" bhallikieku jaghtu xi vantagg indebitu lill-vettural. B'kull rispett pero` jigi rilevat illi bhal kull terminu ta' dekadenza iehor fil-ligi, it-termini fil-Konvenzjoni ta' Varsavja qeghdin hemm bi hsieb u ghal ragunijiet ta' ordni guridiku stabbli tant necessarju fid-dinja tal-kummerc. Mhuwiex vijabbli illi kotba tal-kummerc jibqghu miftuhin ghal *claims* li jistghu jinqalghu wara terminu ta' dekadenza. Ghall-istess raguni, l-appellanta lanqas taqbel ma' dak li ssottomettiet l-attrici fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha quddiem l-Ewwel Qorti u cioe` illi, billi l-Air Malta "kienet l-ewwel wahda flimkien ma' l-Ufficjal tad-Dwana" li saret taf bin-nuqqasijiet (fatt assolutament mhux pruvat), ma kienx hemm bzonn illi tigi notifikata bil-*claim*. Il-*claim* skont il-Konvenzjoni ta' Varsavja hija *sine qua non* f'dawn it-tip ta' proceduri, u f'dan il-kaz ma saritx.

3.2 <u>L-ewwel eccezzjoni ta' l-appellanta fis-sens li ma kinitx hi l-vettural giet totalment injorata mill-Ewwel Qorti</u>.

Illi jidher li l-attrici pprocediet kontra l-esponenti billi kien minghaliha li l-Air Malta kienet il-*carrier*. Fil-fatt, fix-xiehda tieghu s-*surveyor* David Curmi, mressaq mill-attrici, jghid illi l-merkanzija ngarret lejn Malta fuq titjira ta' l-Air Malta. Din ix-xiehda pero` hija kontradetta totalment mill-bqija tal-e*vid*enza. Irrizulta fil-fatt li l-merkanzija *de quo* ingarret lejn

Malta mill-Alitalia u kien ghal din ir-raguni li l-esponenti ressqet eccezzjoni fis-sens li mhijiex hi l-vettural filwaqt li talbet il-kjamata in kawza tal-Alitalia.

Illi jirrizulta mill-provi illi l-Air Malta kienet giet inkarigata mill-Alitalia sabiex tagixxi bhala "*ground handler*", fis-sens li tkun hi li tiehu hsieb il-hatt tal-merkanzija minn fuq l-ajruplan mal-wasla tieghu Malta. Tant hu hekk, illi l-Air Malta ma tissemmiex fuq l-*air waybill* a fol 104, pero` l-esponenti esebiet kopja ta' ftehim li hija ghandha mal-Alitalia, u li kien vigenti fid-data meta twasslet il-merkanzija Malta (ara fol. 143), li juri li hija kienet taghmel xoghol ta' *handling* ghall-Alitalia.

Dan il-fatt, minbarra li huwa kkonfermat mix-xiehda mressqa mill-Air Malta Saviour Mallia (a fol. 141) u Anthony Spiteri (a fol. 173), ma gie bl-ebda mod kontradett mill-Alitalia, la fl-eccezzjonijiet taghha u lanqas mix-xiehda minnha mressqa.

Illi *ai termini* tal-klawzola 8 tal-ftehim (a fol 148):

*“The carrier shall not make any claim against the Handling Company and shall indemnify it (subject as hereinafter provided) against any legal liability for claims or suits, including costs and expenses incidental thereto, in respect of ...*

*(c) damage to or delay or loss of baggage, cargo or mail carried or to be carried by the Carrier ..arising from an act or omission of the Handling Company in the performance of this Agreement unless done with intent to cause damage, death, delay, injury or loss or recklessly and with the knowledge that damage, death, delay, injury or loss would probably result”.*

*“Provided that all claims or suits arising hereunder shall be dealt with by the Carrier”.*

Illi fid-dawl ta' dan il-ftehim, l-esponenti tissottometti illi hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, ghaliex ir-relazzjoni guridika tal-atturi hija mal-Alitalia, bhala l-

*carrier* li ghaliha hemm referenza *fl-air waybill*, waqt li l-Air Malta ghandha relazzjoni guridika biss mal-principal taghha l-Alitalia, u mhux direttament mal-atturi. Barra minn hekk, jekk *dato ma non concesso*, wiehed jaccetta illi l-Air Malta ghandha xi responsabbilita bhala l-*groundhandler* f'Malta, ghandha tkun l-Alitalia li tassumi r-responsabbilta` *ai termini* tal-ftehim fuq imsemmi.

Illi minkejja li l-esponenti ressqet eccezzjoni f'dan is-sens u minkejja li ghamlet sottomissjonijiet dwar dan il-punt fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, l-ewwel Onorabbli Qorti jidher li njorathom totalment. Fil-fatt hlief ghad-*decide* fejn jinghad li l-eccezzjonijiet tal-esponenti gew kollha michuda, il-Qorti lanqas enuncjat ruhha dwar din il-kwistjoni. Gie deciz mill-Qrati nostrani illi:

Il-Qorti hi certament obbligata bil-provvediment tal-ligi (**artikolu 218, Kapitolu 12**) li fis-sentenza taghti opinjoni motivata fejn ikun hemm talbiet specifici jew eccezzjonijiet ghalihom. Dan jghodd ukoll fil-kaz tal-kontro-talbiet u l-eccezzjonijiet ghalihom.

Illum, kif saput, taht l-inkalzar tal-gurisprudenza evoluta mill-organi gudizzjarji Ewropej in materja jinsorgi l-principju li tali motivazzjoni mhux biss trid tirrizulta fis-sentenza izda wkoll li din trid tkun adegwata. *"Motivazzjoni li kellha tkun tali li fil-minimu kienet tissodisfa fuq kollox il-partijiet in kawza fuq il-korrettezza fattwali u guridika tar-ragunijiet li wasslu ghad-decizjoni. Hu fid-dawl ta' dan il-principju appena accennat li gie ritenut li l-motivazzjoni, waqt li f'kull kaz kellha tkun adegwata, pertinenti u relatata mal-kwistjonijiet ta' fatt u dritt sottomessi lill-Qorti mill-partijiet in kawza, kienet certament id-decizjoni tal-Qorti tal-Ewwel grad li kellha tkun l-aktar ezawrjenti proprju ghaliex hi l-motivazzjoni taghha li kellha tipprovdi l-bazita' l-aggravju ta' l-eventwali appell moghti lil tribunal ta' revizjoni"*; (**"Charmaine Camilleri vs Eugenic *sive* Gino Abdilla et"**, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 12 ta' Jannar 2005).

Illi ghalhekk l-esponenti tissottometti illi l-ewwel eccezzjoni taghha kellha tigi kkunsidrata u milqugha mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

3.3 Illi f'kull kaz, ir-responsabbilta` tal-esponenti ma gietx ippruvata

Illi fil-mertu, l-esponenti tissottometti illi l-provi mressqa ma kellhomx iwasslu lill-Ewwel Onorabbli Qorti biex issib lill-appellanta responsabbli ghad-danni reklamati.

Illi l-appellanta tapprezza illi l-Qorti tal-Appell *"ma tindahalx, in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi"* ("**Elena Magri et vs Rosaria *sive* Rosa Borg**", Appell Civili, 10 ta' Frar 1961), ikkwotata f' **"Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe"**, Qorti tal-Appell, 5 ta' Marzu, 2003). L-esponenti pero` umilment tissottometti illi dan huwa propju kaz fejn id-diskrezzjoni giet applikata hazin.

Qabel xejn jigi rilevat illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma tat ebda raguni dwar kif irrizultalha li "l-hsarat riskontrati kienu sehhew meta l-merkanzija *de quo* kienet fil-pussess tal-Air Malta". Dan minnu nnifsu huwa nuqqas ghar-ragunijiet spjegati fid-decizjoni **"Charmaine Camilleri vs Eugenia sive Gino Abdilla et"** ikkwotata izjed 'il fuq.

Illi l-appellanta ttenni dak li osservat quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sens illi biex tirnexxi fit-talbiet taghha kontra l-konvenuti, l-attrici kellha tipprova f'liema parti tat-tragitt sehhew in-nuqqasijiet biex b'hekk wiehed ikun jista' jistabbilixxi r-responsabbilta` (*o meno*) ta' kull wahda mill-konvenuti f'din il-kawza.

Illi jidher li l-merkanzija tghabbiet originarjament fuq titjira tal-Alitalia minn Los Angeles (fil-fatt jirrizulta x-xiehda ta' David Curmi a fol. 83 li l-merkanzija kienet gejja mill-Amerika), fejn il-merkanzija hija deskritta bhala "*in apparent good order and condition*". Minn Los Angeles, dejjem skont l-*air waybill* il-merkanzija kellha tasal l-ajruport ta' Milano Malpensa (MXP fuq l-*airway bill*). Ma

jirrizultax mill-provi jekk garax hekk jew jekk it-titjira minn Los Angeles marritx direttament l-ajruport ta' Ruma. Huwa konfermat mill-Cargo Manifest pero` li l-merkanzija li ghaliha jirreferi l-*air waybill* Numru "055 23331825" tghabbiet fuq it-titjira Alitalia AZ 0886 tas-26 ta' Lulju, 2000 lejn Malta, waslet Malta f'dik id-data u giet rilaxxjata fit-28 ta' Lulju, 2000.

Illi meta l-*merce* giet rilaxxjata nhar it-28 ta' Lulju 2000, ma sar ebda notament fuq ir-*release form* illi kien hemm hsarat jew nuqqasijiet fil-merkanzija, u ghalhekk l-esponenti tissottometti li l-atturi lanqas sehhilhom igibu l-ahjar prova li l-hsarat sehhew qabel ma huma, jew il-konvenuta l-ohra Freight Services Limited, ircevew il-merkanzija. Il-konvenuta Freight Services Limited tipprova tilqa' ghal dan meta jixhed Vito Aufieri illi *"d-Dwana ghandha policy illi fuq id-dokument illi jinghata lill-klijent ma tnizzilx jekk kienx hemm hsara jew le, pero` taghmel dawn ir-rimarki fuq id-dokument li zzomm hi."* Emanuel Galdes, Fizzjal tad-Dwana, jixhed illi meta giet rilaxxjata l-merkanzija nstab li f'kaxxa partikolari rrizulta li kien hemm 37 oggett flok 88. Pero` l-esponenti ghandha d-dubji taghha dwar dan l-ewwelnett ghaliex wiehed jistenna li ricevitur izomm kopja ta' dokument li fih jigu nnutati nuqqasijiet fil-mument tar-rilaxx u t-tieni nett ghaliex jidher mix-xiehda ta' Galdes a fol. 127 sa 130 li n-notamenti miktubin bl-idejn dwar allegati nuqqasijiet lanqas saru fil-mument tar-rilaxx jigifieri l-Gimgha 28 ta' Lulju, 2000 imma t-Tnejn ta' wara, jigifieri nhar 31 ta' Lulju, 2000.

Illi fi kliem iehor jidher mill-provi illi r-rilaxx sar nhar il-Gimgha 28 ta' Lulju, 2000 izda sussegwentement nhar it-Tnejn 31 ta' Lulju, 2000 l-Ufficjal tad-Dwana, possibilment fuq struzzjonijiet ta' Freight Services Limited, ghamel notamenti dwar l-oggetti li allegatament instabu neqsin. Emanuel Galdes fil-fatt jispjega illi biex jiehu notamenti dwar il-kundizzjoni tal-merkanzija l-Fizzjal jezamina d-dikjarazzjoni, jara li taqbel ma' dak li jkollu hu, u jaghmel l-analizi tieghu. Dan pero` ma setax jaghmlu l-Gimgha 27 ta' Lulju, 2008 imma fil-31 ta' Lulju "ghaliex id-dokument ircevejtu fil-31".

Illi Emanuel Galdes jixhed ukoll illi *"r-rilaxx isehh fil-presenza ta' min qed jirtira x-xoghol, fil-presenza tal-AirMalta illi jgibu dan ix-xoghol u kulhadd ikun jaf x'oggetti nieqsa u danneggjati jkun hemm".* Galdes pero` ma jikkonfermax li f'dan il-kaz partikolari kien hemm xi rapprezentanti tal-Air Malta prezenti, u ma jirrizultax mid-dokument ta' rilaxx li kien hemm xi ufficjali tal-esponenti fuq il-post. Anzi, Galdes jghid specifikament illi ma jiftakarx jekk fic-cirkostanzi kienitx saret xi talba lill-Air Malta dwar il-proceduri (tal-ghadd ta' l-oggetti fil-kaxex a fol 127 sa 130) u jzid *"ma nistax nitkellem ghall-Air Malta".*

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost pero`, anke jekk wiehed jaccetta illi n-nuqqasijiet avveraw ruhhom/gew notati qabel ir-rilaxx, xorta ma ngabet ebda prova li dawn sehhew fiz-zmien meta l-merkanzija kienet f'idejn l-esponenti. Anzi, l-provi *semmai* juru mod iehor.

Illi dwar dan issir referenza ghal notament illi jidher fuq il-*cargo manifest* li jghid illi minn 6 kaxxi relattivi ghal merkanzija *de quo* irrizulta li kien hemm "*2 patched AZ Sec Tape*". Anthony Spiteri, Officer mal-Air Malta gharaf il-kitba tieghu u jispjega li dan in-notament ghamlu ghaliex fil-hatt irrizulta:-

*"... illi kien hemm zewg kaxxi li kellhom tape tal-Alitalia. AZ hija l-code ta' l-airline, fil-fatt il-flight kien bin-numru AZ 886 li huwa flight tal-Alitalia. It-tape tpogga mill-impjegat tal-Alitalia illi raw il-kaxex imqattghin u biex jevitaw aktar danni ssiggillaw il-kaxex bit-tape taghhom. Ovvjament meta naraw tape differenti ahna mill-ewwel naghmlu nota b'dan.*

In-notament imsemmi huwa spjegat ukoll minn Saviour Mallia, li jghid hekk:-

*"Sibt nota illi permezz taghha tindika fuq l-istess dokument illi kien iccekkja ... u li sab illi kien hemm zewg kaxxi minn sitta ndikati minnu bhala damaged AZ li jfisser Alitalia security tape, dan ifisser illi l-kaxex indikati mill-kollega tieghu kienu ddemigjati, dan ifisser illi jew waqt it-tghabija go l-ajruplan Ruma innutawhom li kienu damaged u*

*ippeccjawhom bit-tape li hemm indikat fuq l-istess dokument".*

Illi ta' min jghid illi x-xiehda ta' Anthony Spiteri u Saviour Mallia dwar dan il-punt ma giet kontradetta bl-ebda mod waqt il-gbir tal-provi.

Illi ghalhekk, jekk wiehed jaccetta li n-nuqqasijiet sehhew qabel ir-rilaxx tal-merkanzija lil Freight Services Limited, il-probabbilta` hi li *semmai* in-nuqqasijiet sehhew qabel ma l-kaxxi gew imsewwija bis-*security tape* minn impjegati tal-Alitalia, u cioe`, certament u kjarament mhux meta l-merkanzija kienet f'idejn l-Air Malta bhala *ground handler*.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-attrici tghid (erronjement) illi kienu l-impjegati tal-Alitalia illi nnotaw li zewg kaxxi mill-konsenja kienu ddanneggjati u kellhom jaghmlu *tape* apposta biex il-hsara fil-kaxex ma tizdiedx. Ghall-kuntrarju, ufficjali tal-Alitalia sewwew il-kaxxi bit-*tape* minghajr ma ghamlu ebda osservazzjoni fil-*cargo* manifest u kien l-Ufficjal tal-AirMalta Anthony Spiteri li, mal-wasla tal-merkanzija f'Malta osserva li l-kaxex kienu *"ippeccjati bit-tape".*

Is-socjeta` attrici kompliet izzid illi l-kaxex imsewwija bis-"*security tape*":-

*"ma kinux qed jirreferu ghal kaxxa numru 1 li minnha kien hemm items nieqsa u dan il-fatt muri wkoll li l-Alitalia kienu ferm attenti ghall-merkanzija u li kieku l-kaxxa numru 1 kienet gja miftuha kien ikun obbligu taghhom li jaghmlu l-verifiki necessarji sabiex jaraw jekk kienx hemm items nieqsa minn xi kaxxa".*

Din l-osservazzjoni pero` mhijiex sorretta mill-provi. Minn imkien ma jirrizulta illi dik li Emanuel Galdes iddeskriva bhala "l-Kaxxa Numru 1" ma kinitx imsewwija bit-*tape*. Anzi, dak li juru l-provi huwa illi l-kaxex kienu ga nfethu meta kienu f'idejn l-Alitalia u possibilment anke qabel tghabbew fuq it-titjira lejn Malta. Fil-fatt huwa sinifikanti illi kellhom ikunu l-impjegati tal-AirMalta li osservaw li kien hemm iz-zewg kaxxi msemmija b'*tape* tal-Alitalia. L-

Alitalia mkien ma nizzlet xi notament li kien hemm kaxex iddanneggjati u dan minkejja li t-*tape* certament gie applikat qabel ma l-merkanzija tghabbiet fuq l-ajruplan lejn Malta.

*Inoltre*, minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk wiehed *dato ma non concesso* jaccetta illi naqsu xi nuccalijiet meta l-*merce* kienet f'idejn l-Air Malta, jirrizulta mix-xiehda mressqa illi xi oggetti certament naqsu meta kienu f'idejn Freight Services Limited u/jew l-assikurata Time International Limited. Hekk, jekk wiehed jaccetta bhala prova dak li qal Emanuel Galdes, u cioe` li nstabu 37 bicca meta kellu jkun hemm 88, dan jindika li fil-mument tar-rilaxx kien hemm 51 nuccali nieqes. Fir-rapport tieghu, David Curmi pero`, jinnota 67 nuccali nieqes. Bejn dawn iz-zewg verzjonijiet hemm diskrepanza ta' 17-il bicca. Ta' min jghid illi r-rapport ta' David Curmi huwa datat 20 ta' Settembru, 2000 kwazi xahrejn wara r-rilaxx tal-merkanzija. Fil-fatt David Curmi jistqarr fir-rapport bil-miktub tieghu li l-ispezzjoni tal-merkanzija saret meta l-*merce* kien ga ghand l-assikurata Time International Company Limited u sahansitra wara li l-assikurata kienet ga bdiet tqassam il-merkanzija! Anke jekk wiehed jaccetta x-xiehda ta' Galdes mela, jirrizulta li naqsu sbatax-il nuccali waqt li kienu f'idejn Freight Services Limited jew, possibilment, ga ghand Time International Co Ltd. Ghal din ir-raguni l-esponenti tissottometti illi fl-aghar ipotezi, id-danni pagabbli minnha ghandhom jigu ridotti.

## 4.0 Konkluzjoni

In succint, f'dan il-kaz Air Malta pic qieghda tappella ghar-raguni illi:-

(i) il-*claim* ma saritx *entro* t-terminu rikjest mil-ligi u ghalhekk l-eccezzjoni taghha f'dan is-sens kellha tintlaqa' mhux tigi michuda a bazi ta' kunsiderazzjoni bir-rispett irrelevanti.

(ii) hija mhijiex il-vettural u l-involviment taghha f'dan il-kaz huwa biss fil-vesti ta' *handler* imqabbad mill-Alitalia.

*Ai termini* ta' ftehim mal-vettural Alitalia, m'ghandiex tinzamm responsabbli fi *claims* bhal dak odjern. Dan il-fatt gie pero` injorat totalment mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

(iii) Fil-mertu, l-evalwazzjoni tal-fatti li ghamlet il-Qorti mhux biss ma kinitx motivata kif titlob il-ligi, imma kienet manifestament zbaljata ghaliex l-attrici ma sehhilhiex turi illi l-appellanta hija responsabbli ghall-hsarat pretizi.

Ghaldaqstant, filwaqt li ssir referenza ghall-provi prodotti u ssir rizerva ghall-produzzjoni ta' provi ulterjuri jekk ammissibbli skont il-ligi, il-kumpanija appellanta titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha thassar u tirrevoka ‘l fuq imsemmija sentenza tal-25 ta' Gunju, 2008 fl-ismijiet premessi billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-kumpanija appellanta, tichad it-talbiet tal-appellata SMS Insurance Agency Limited, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanta.

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta Freight Services Limited datata 30 ta’ Ottubru 2008 a fol. 22 tal-process fejn esponiet:-

ILLI permezz ta' citazzjoni pprezentata fis-19 ta' April 2001 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili is-socjeta` attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta` Time International Co. Ltd kienet ordnat konsenja ta' nuccalijiet tad-ditta Oakley Sunglasses;

Illi Time International Co. Ltd kienet inkarigat lis-socjeta` konvenuta Freight Services Limited sabiex tiehu hsieb l-importazzjoni u l-konsenja tal-merkanzija msemmija;

Illi l-merkanzija waslet Malta nhar il-26 ta' Lulju 2000 u giet rilaxxata u kkonsenjata nhar il-31 ta' Lulju 2000;

Illi meta s-socjeta` konvenuta Freight Services Limited ikkonsenjat il-merkanzija lis-socjeta` Time International Ltd, din tal-ahhar indunat illi parti konsiderovoli tal-merkanzija kienet nieqsa u parti ohra mkisra;

Illi s-socjeta` assikuratrici SMS Insurnace Agency Ltd halset lil Time International Co. Ltd is-somma ta' elf hames mija u wiehed u tletin Lira Maltin (Lm1,531) (ekwivalenti ghal tliet elef, hames mija, sitta u sittin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€3,566.27) bhala kumpens, u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet taghha;

Peress illi l-istess socjeta` assikuratrici inkarigat lil David Curmi & Associates Ltd biex ihejju rapport dwar dan il-kaz u ghal dan is-socjeta` thallset is-somma ta' mija tnejn u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm122.48 = €285.30).

Illi kemm is-socjeta` Air Malta Co. Ltd kif ukoll is-socjeta` Freight Services Limited kienu responsabbli ghal konsenja tal-merkanzija u ghaldaqstant huma responsabbli ghad-danni sofferti;

Illi minkejja z-zewg socjetajiet konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu l-ammont ta' Lm1,653.483 (€3,851.57) permezz ta' Ittra Ufficjali datata Marzu 2001, dawn xorta wahda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti il-ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` Time International Co. Ltd sofriet danni u dan minhabba s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, u li s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, huma unikament responsabbli ghad-danni kollha li sofriet is-socjeta` imsemmija;

2. Tikkundanna s-socjetajiet kovenuti jew min minnhom, ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm1,653.48, (€3,851.57), bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata Marzu 2001, u s-socjetajiet konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

2. ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA` KONVENUTA AIR MALTA CO. LTD

ILLI permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet pprezentata nhar il-21 ta' Mejju 2001, is-socjeta` konvenuta Air Malta Co. Ltd ecepixxiet:

1) Illi l-merkanzija *de quo* ngarret mill-vettular Alitalia Airlines u ghalhekk il-Carrier ghandu jissejjah fil-kawza;

2) Illi fit-tieni lok ma jidhirx li d-ditta ricevitrici u/jew l-Assikurazzjoni attrici nterpellaw lill-vettural u jew lis-socjeta` eccipjenti fit-termini prevvisti fil-kondizzjonijiet tal-garr u mill-ligi;

3) Illi f'kull kaz is-socjeta` eccipjenti ma hijiex responsabbli ghal ebda dannu reklamat mis-socjeta` attrici;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

3. ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA` KONVENUTA FREIGHT SERVICES LIMITED.

ILLI permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet ipprezentata nhar il-21 ta' Mejju 2001, is-socjeta` konvenuta Freight Services Limited eccepixxiet:

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi fil-konfront tas-socjeta` eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* ill hija m'hiex responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsara allegati mis-socjeta` attrici fil-konsenja tal-merkanzija in kwistjoni;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

4. ECCEZZJONIJIET TAL-KJAMAT IN KAWZA ALITALIA LINEE AEREE ITALIANE SPA

ILLI permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet pprezentata nhar it-23 ta' Lulju 2001, is-socjeta` konvenuta Alitalia Linee Aeree Italiane SPA eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi d-ditta Alitalia Airlines ma tezisitx u ghalhekk mhix il-legittimu kontradittur imma *se mai* s-socjeta` jisimha Alitalia Linee Aeree Italiane Spa kif debitament registrata Malta mal-Malta Financial Services Centre u li ggib in-numru tar-registrazzjoni O.C. 192.

ILLI l-Onorabbli Qorti tal-Prim'Awla Qorti Civili decidiet fuq l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza permezz ta' digriet dekretat nhar l-10 ta' Awwissu 2001 fejn ordnat li jsiru l-bidliet mehtiega fl-atti tal-process;

2. Illi bla pregudizzju ghal premess it-talbiet attrici/huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-ebda talba ma saret lis-socjeta` eccipjenti fit-termini previsti fil-kondizzjonijiet tal-garr *a tenur* tal-Warsaw Convention u mil-ligi;

3. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-ammont mhux dovut;

4. Illi f'kull kaz is-socjeta` eccipjenti m'hi responsabbli ghal ebda danni allegatament sofferti mis-socjeta` attrici;

Salv eccezzjonijiet ohra.

5. <u>SENTENZA TAL-QORTI TAL-MAGISTRATI</u>

ILLI fil-25 ta' Gunju 2008 il-Qorti tal-Magistrati, wara li rat l-atti kollha tal-kawza, iddecidiet il-kawza billi cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta illum appellanta Air Malta Company Limited, laqghet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` Freight Services Limited u tal-Alitalia Linee Aeree Italiane s.p.a. u t-talbiet tas-socjeta` attrici, u kkundannat lis-socjeta` Air Malta Company Limtied biex thallas lis-socjeta` attrici SMS Insurance Agency Limited *nomine* l-ammont ta' tliet elef, tmien mija, wiehed u hamsin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€3,851.57), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti.

6. <u>APPELL TAS-SOCJETA` KONVENUTA AIR MALTA PLC</u>

ILLI s-socjeta` konvenuta illum appellanti hassitha aggravata minn din is-sentenza w intavolat l-appell odjern. L-Aggravji mressqa mis-socjeta` appellanta, sintetikament, jikkonsistu fis-segwenti:

(i) Illi l-ewwel Onorabbli Qorti skartat it-tieni eccezzjoni tal-Air Malta plc dwar in-nuqqas ta' avviz *ai termini* tal-Konvenzjoni ta' Varsavja;

(ii) Illi l-ewwel Onorabbli Qorti njorat ghal kollox l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` appellanta, fis-sens illi hi ma kinitx il-vettural u ma kkunsidratx il-fatt illi bhala *cargo handler* ta' l-Alitalia, l-Air Malta plc ma kellha ebda relazzjoni kuntrattwali mas-socjeta` attrici illum appellata *nomine*;

(iii) Illi fil-mertu r-responsabbilta` tal-Air Malta plc ma giex ippruvat;

7. <u>RISPOSTA TAS-SOCJETA` ESPONENTI</u>

ILLI fil-fehma umli tas-socjeta` Freight Services Limited l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament dettaljat, gust u ragonevoli tal-provi mressqa mill-partijiet u ddecidiet il-kaz skont il-ligi, u ghalhekk is-sentenza hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata.

8. <u>IL-FATTI RILEVANTI</u>

ILLI s-socjeta` Time International Co. Ltd kienet ordnat konsenja ta' nuccalijiet tad-ditta Oakley Sunglasses u nkarigat lis-socjeta` esponenti Freight Services Limited mhux bl-importazzzjoni tal-merkanzija in kwistjoni, kif jinghad fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici, izda bil-"*customs clearance*", u bit-trasport tal-merkanzija in kwistjoni mill-post tal-Air Malta p.l.c. sal-post ta' Time International Co. Ltd;

Il-merkanzija in kwistjoni kienet giet trasportata lejn Malta bl-ajru minn socjeta` terza u estranja ghall-Freight Services Limited;

Illi l-merkanzija waslet Malta nhar is-26 ta' Lulju 2000 u giet rilaxxata f'idejn is-socjeta` Freight Services gia` bin-nuqqasijiet imsemmija fid-dokument ipprezentat mill-Fizzjal tad-Dwana Emanuel Galdes a fol. 138 u 139 tal-process (*vide* xhieda ta' David Curmi, *surveyor* mqabbad mis-socjeta` attrici, a fol. 84 tal-process u xhieda ta' Vito Aufieri, rapprezentant tas-socjeta` esponenti, a fol. 89 tal-process u nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici a pagna 6, para. 2. u pagna 7 para 2).

9. KONSIDERAZZJONIJIET RILEVANTI

Illi primarjament is-socjeta` esponenti tirrileva illi in kwantu nkarigata biss bil-"*customs clearance*" u bit-trasport tal-merkanzija in kwistjoni mill-post tal-Air Malta p.l.c. sal-post ta' Time International Co. Limited hija ma ghandha l-ebda sottomissjonijiet x'taghmel rigward l-ewwel u t-tieni aggravji mressqa mis-socjeta` appellanti Air Malta p.l.c.;

It-tielet aggravju tas-socjeta` appellanti Air Malta p.l.c.

Illi s-socjeta` appellanti sottomettiet illi r-responsabbilta` taghha ma gietx ippruvata w ibbazat l-aggravju taghha billi kkontestat l-apprezzament tal-ewwel Qorti fuq il-provi prodotti quddiemha u talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex terga' tevalwa l-provi migjuba fi Prim' Istanza.

Illi huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana illi Qorti ta' rivizjoni ma ghandhiex tindahal jew tissindika l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti meta din tkun ghamlet valutazzjoni korretta tal-provi.

Illi l-Qorti tal-Appell, fil-kawza bl-ismijiet **"Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs AX Construction Limited"** irrilevat illi:-

*"Il-Qorti tal-Appell, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tindahalx in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi u f'materja ta' rilevanza jew superfluwita` ta' xhieda, Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-ewwel tribunal, jekk*

*mhux ghal motivi gravi*" (Qorti tal-Appell, 4 ta' Lulju 2008, Appell Civili Nru: 284/2005/1).

Illi fil-fehma umli tas-socjeta` esponenti ma hemm ebda motiv, gravi jew mod iehor, li ghandu jwassal lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jiddisturba l-ezercizzju tad-deskrizzjoni tal-Ewwel Qorti, anzi, hemm ragunijiet sufficjenti biex din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata in kwantu:

(i) Ix-xhieda ta' Emanuel Galdes, Ufficjal tad-Dwana, hi korroborata wkoll mix-xhieda ta' Vito Aufieri, liema xhieda ma gietx ikkontestata fl-ebda stadju fi prim'istanza;

(ii) Illi ir-"*Release Orders*" prodotti quddiem l-Qorti ta' Prim'Istanza, a fol. 138 u 139 tal-process, huma prova cara li s-socjeta` esponenti, Freight Services Limited, irceviet 37 *frame* minflok it-88 *frame* u dan ghaliex il-kaxxa kienet diga` iddanegjata qabel ma ghaddiet fil-pusess taghha;

Illi Emanuel Galdes, rigward il-*'packing list'* xehed ukoll *"....li minnhom meta gew spezzjonati gew biss 37 oggett f'kaxxa li kienet misjuba li giet prezentata lili mid-Dwana ndikata bhala damaged, kienet diga` miftuha w inkisru.... "* (esebit a fol. 135 tal-process).

(iii) Illi rapprezentanti tal-Air Malta wkoll indunaw li kien hemm xi nuqqasijiet u ghalhekk ghazlu li jkunu prezenti fil-ftuh tal-kaxxa Nru. 1 in kwistjoni; (*vide* xiehda ta' Emanuel Galdes, l-Fizzjal tad-Dwana li hareg ir-*Release Order* surriferita xehed illi *"fil-kaz in kwistjoni niftakar li kien hemm kaxxa partikolari numru 1 li kellha 88 oggett li ma kinitx tidher fi stat tajjeb u l-persuna li giet ghar-rilaxx tal-istess merkanzija talbitni nghodd l-affarijiet ta' gol-kaxxa maghha...meta ghoddejt l-affarijiet fil-fatt sibt li kien hemm 37 oggett u tal-**Air Malta kienu wkoll indunaw li din il-kaxxa partikorali kellha xi haga u dawn kienu prezenti waqt l-ghadd ta' l-oggetti***." fol. 128 tal-process, enfasi mizjuda)

Illi ghal kull *buon fini* jigi sottolineat li d-Dwana, fir-rigward tal-merkanzija in kwistjoni, harget zewg *'Release Orders*'. Wiehed *'clean' ossia* minghajr ebda rimarki u l-iehor bir-rimarki surriferiti. Illi Vito Aufieri spjega *"illi d-Dwana ghandha l-policy illi fuq id-dokument li jinghata lill-klijent ma tnizzilx jekk kienx hemm hsara jew le, pero' taghmel dawn ir-rimarki fuq id-dokument li zzomm hi (vide* fol. 90 u 96 tal-process*) ...jekk sussegwentement ikun hemm claim, id-Dwana tirrilaxxa d-dokument bir-rimarki'.(vide* fol. 96 tal-process).

Illi x-xhieda ta' Vito Aufieri giet ukoll korroborata minn Emanuel Galdes li meta mistoqsi ghalfejn in-notament li jidher a fol. 102 ("*marked document*") tal-process ma jidhirx a fol. 38 u 39 ("*clean document*"), xehed li *"...nghid li l-kopji mhux jien ghamilthom. Li nista' nghid hu li l-originali li huwa a fol. 101 u 102 huma tieghi u dawn huma korretti".* (*vide* fol. 129 tal-process).

Illi Emanuel Galdes a fol. 129 tal-process ukoll xehed illi *"...dan kien xoghol li sar (rilaxxjat) il-gimgha u minhabba s-sistema tal-computers li ghandna, wiehed irid jidhol it-Tnejn u jaghmel certu xoghol ... Mistoqsi jekk stajtx nikteb in-notament li ktibt fuq id-dokument tat-30 ta' Lulju 2000 fl-istess data tar-rilaxx tal-merkanzija, u cioe` fit-28 ta' Lulju 2000 nghid li dan jiddependi f'liema stat gew prezentati d-dokumenti. Gieli jkun hemm sitwazzjonijiet fejn l-ewwel naraw id-dokumenti u mbaghad inzidu l-kummenti wara. Ir-rilaxx jista' jsir meta jipproducu d-dokumenti kollha. Il-Fizzjal tad-Dwana jkun irid jara invoice u release order. Ghalija l-istatement kif tidher a fol. 102 hija riflessjoni tal-fatti kif graw dak inhar ".* (*vide* fol. 129 u 130 tal-process)

Illi s-socjeta` konvenuta, Air Malta plc, illum appellanta, ukoll tallega illi fi kwalunkwe kaz, 17-il nuccali gew nieqsa meta kienu fil-pussess tas-socjeta` esponenti, Freight Services Limited jew tas-socjeta` attrici, SMS Insurance Agency Limited *nomine*. Illi primarjament is-*survey report* sar fl-20 ta' Settembru 2000, xahrejn wara li giet rilaxxata l-konsenja, *ossia* il-Gimgha, 28 ta' Lulju 2000. Illi f'dawn ix-xahrejn, il-merkanzija kienet esklussivament fil-pussess tas-socjeta` attrici. Illi *oltre* dan, is-*survery report*, sar biss

wara li parti mill-merkanzija kienet gja bdiet tigi distribwita *"...We counted a total of 60 empty boxes...which should have contained Oakley Sunglasses but the Insured advised us that they had already delivered part of this consignment... "*. (*vide* fol. 71 tal-process) Illi ghalhekk, s-socjeta` attrici, ma tistax tippretendi li din il-Qorti, taccetta bhala prova konklussiva dan s-*survey report*, in kwantu (i) sar biss xahrejn wara r-rilaxx tal-merkanzija; u (ii) sar meta l-merkanzija kienet gia bdiet tigi mqassma, presumibbilment lil hwienet jew stabbilimenti ohra.

Illi *nonostante* l-allegazzjonijiet taghha, fl-istess nifs, is-socjeta` konvenuta, Air Malta plc, illum appellanta, tallega li wisq probabbli n-nuqqasijiet sehhew meta l-merkanzija kienet taht ir-responsabbilta` tal-Alitalia Linee Aeree Italiane Spa: *"Min imkien ma jirrizulta illi dik li Emanuel Galdes iddeskriva bhala l-kaxxa Numru 1'* ma kinitx imsewwija bit-*tape*. Anzi, dak li juru l-provi huwa illi l-kaxex kienu gja` nfethu meta kienu f'idejn l-Alitalia u possibilment anke qabel tghabbew fuq it-titjira lejn Malta. Illi bir-rispett huwa car u manifest li s-socjeta` appellanta qieghda ddawwar il-fatti *a secondo* tal-argumenti kontradittorji taghha, minghajr l-ebda rigward ghal dak li verament gara u dak li gie ppruvat quddiem il-Qorti fi Prim'Istanza.

Illi *ai termini* tal-**artikolu 1628 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** l-vetturali *"Huma obbligati ghat-telf tal-haga fdata lilhom, u ghall-hsarat li jigru fiha, meta ma jippruvawx li l-haga ntilfet jew gratilha hsara b'accident jew b'forza magguri u minghajr htija taghhom."* Illi huwa palesi mill-fatti suesposti li kwalsiasi dannu jew serq arrekat fuq il-merkanzija sar meta l-merkanzija ma kinitx fil-pussess u r-responsabbilta` tas-socjeta` esponenti u mhux bi htija taghha, u li ghalhekk, din ma ghandha twiegeb ghal ebda danni jew serq.

KONKLUZJONI

GHALDAQSTANT is-socjeta` esponenti tissottometti umilment u bir-rispett lil din Onorabbli Qorti illi *in vista* tas-suespost, l-appell tas-socjeta` konvenuta Air Malta plc

illum appellanti ghandu jigi michud u s-sentenza tal-ewwel Qorti kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta Air Malta plc.

Rat ir-risposta tas-socjeta` SMS Insurance Agency Ltd datata 30 ta' Ottubru 2008 a fol 29 tal-process fejn esponiet: -

Illi s-sentenza appellata fil-25 ta' Gunju 2008 bl-ismijiet **"SMS Insurance Agency Ltd. vs. Air Malta et"**. Avviz numru: 557/04/SM hija gusta u timmerita li tigi konfermata.

Illi f'din ir-risposta ghall-appell, l-attrici appellata ser tirrispondi ghall-aggravji elenkati mis-socjeta`' appellanta fir-Rikors tal-Appell u sejra tispjega ghal liema ragunijiet is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) hija gusta u timmerita li tigi konfermata.

Illi l-kontestazzjoni tal-appellata fir-rigward ta' dan l-appell tirrigwardja kemm il-konkluzjonijiet milhuqa minnu kif ukoll mal-premessi suppost fattwali li bihom waslet il-konvenuta ghall-istess konluzjonijiet. L-esponent bil-qawwa kollha ma jaqbilx mal-fatti kif riportati mill-appellant u dan billi thallew fatti mportanti barra u fatti ohra gew, bir-rispett, distorti mill-appellanta. B'hekk ma hemmx qbil ukoll mal-konkluzjonijiet legali minnha milhuqa.

Illi fl-umli opinjoni tal-esponent dan l-appell m'hu xejn hlief tentattiv dghajjef da parti tas-socjeta` Air Malta sabiex tahrab mir-responsabbilta` taghha u tipprova tinheba wara haddiehor billi tghid li m'ghandha x'taqsam xejn. Jigi sostnut li l-Air Malta ghandha responsabbilta` meta ghandha f'idha hwejjeg haddiehor daqs kull kumpanija privata ohra. Wara kollox l-Air Malta tippretendi dritt esklussiv fuq il-*cargo handling* tal-mitjar u ta' dan huma jithallsu.

## <u>It-Talba</u>

Illi permezz ta' citazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li permezz ta' emenda kompliet tinstema' quddiem il-

Qorti tal-Magistrati (Malta) l-attrici talbet il-kundanna ghall-hlas tal-konvenuti jew min minnhom, bhala assikuranti agenti tas-socjeta` estera Ecclesiastical Insurance Office, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Time International Co. Ltd. is-somma ta' Lm1,653.48 in kwantu Lm1,531 valur tal-merkanzija nieqsa u Lm122.48 hlas ta' *survey report* u dan rigward konsenja ta' merkanzija tad-ditta Oakley Sunglasses li ghalihom kienu responsabbli s-socjeta` Air Malta Co. Ltd u Freight Services Ltd. u s-socjeta` Linea Aeree Italiana Spa kif kjamata fil-kawza.

Illi l-merkanzija waslet Malta nhar is-26 ta' Lulju 2000 u giet rilaxxata u kkonsenjata nhar il-31 ta' Lulju 2000 fejn instab li parti minnha kienet nieqsa minkejja li kienet fil-kustodja u r-responsabbilta` tas-socjeta` konvenuta jew min minnhom. Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali ta' Marzu 2001 u bl-imghax mid-data tal-istess sad-data tal-hlas relattiv;

**L-Eccezzjonijiet**

Illi s-socjeta` konvenuta Air Malta Co. Ltd. eccepiet: 1) li l-merkanzija giet trasportata minn Alitalia Airlines u ghalhekk dan il-*carrier* ghandu jissejjah fil-kawza; 2) li l-eccepjent u l-vettural ma gewx notifikati fil-hin b'dak li kien sehh; 3) li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u salv eccezzjonijiet ohra;

Illi s-socjeta` konvenuta Freight Services Ltd. eccepiet: 1) li t-talba ta' l-attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi hi mhix responsabbli ghad-danni u salv eccezzjonijiet ohra;

Illi s-socjeta` konvenuta Alitalia Linee Aeree Italiane Spa eccepiet: 1) li l-isem mhux korrett kif indikat u ghalhekk hi mhix il-legittimu kontradittur; 2) li l-vettural ma gewx notifikati fil-hin b'dak li kien sehh; 3) li t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-ammont mhux dovut; 4) li f'kull kaz is-socjeta` eccipjenti mhix responsabbli ghall-ebda danni allegatament sofferti mill-attrici u salv eccezzjonijiet ohra;

Illi fil-mori tal-kawza ebda eccezzjoni ulterjuri ma tresqu mis-socjetajiet konvenuti;

**Is-sentenza**

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz ta' sentenza tal-25 ta' Gunju 2008 sabet is-socjeta` Air Malta responsabbli bhala *cargo handler* u mhux bhala *carrier* u kkundannathom ihallsu s-somma reklamata. Illi s-sentenza stabbiliet li l-merkanzija waslet ghand l-Air Malta shiha u kien fil-perjodu fejn din kienet responsabbli ghaliha li din il-merkanzija giet nieqsa. Is-socjeta` Air Malta kienet ghalhekk responsabbli li dik il-merkanzija tigi kkonsenjata lis-sid taghha fl-istat tajjeb li kienet meta din waslet ghandha. Stabbiliet ukoll is-sentenza li l-ammont hekk reklamat mill-attrici kien fil-fatt ipprovat ghas-sodisfazzjoni taghha.

**L-appell tas-socjeta` Air Malta**

Illi fl-appell taghha l-Air Malta tipprova tinheba wara l-*carrier* Alitalja u tuza' id-difisa tas-socjeta` Alitalja biex tiddefendi lilha nnifisha meta hareg car, anke min-nota ta' eccezzjonijiet tal-Air Malta li hi ma kinetx *carrier* imma *handler*. Pero' xorta wahda fl-appell taghha hemm insistenza li hi kella drittijiet ukoll li ghandu l-*carrier*.

Illi l-Air Malta qed tghid ukoll li mal-assigurati tal-attrici hi m'ghandhiex relazzjoni guridika. Importanti hafna huwa l-fatt li din l-eccezzjoni ma nghatatx mill-Air Malta fin-nota ta' eccezzjonijiet taghha u ghalhekk dan l-aggravju ma jistax jigi trattat f’dan l-istadju.

Minkejja dan ma tista' qatt tghid hekk is-socjeta` Air Malta meta hi kellha l-merkanzija taghhom ghandhom u hi ghandha l-esklussivita` tal-*handling* tal-*cargo* gewwa l-mitjar.

Illi l-ahhar aggravju jirrigwardja l-mertu wkoll li ma kienx hemm prova tal-fatt li n-nuqqas sehh meta l-merkanzija kienet fil-pussess taghha;

**<u>Il-Fatti tal-Kaz</u>**

Illi s-socjeta` attrici pproduciet bhala provi l-i*statement* tal-hlas tal-ammont mitlub fic-citazzjoni, is-*subrogation form* tal-assigurat taghha u kopja tas-*survey report* minn agenzija ndipendenti *ossia* D.G. Curmi & Associates u *statement* shih tal-merkanzija hekk ordnata mis-socjeta` Time International kif ukoll kopja tad-dokumentazzjoni tad-Dwana meta l-merkanzija giet rilaxxata. Dawn gew immarkati Dok “JP 1” sa “3” u “DC 01” sa “34” (fol. 32 et. seq.);

Illi l-attrici resqet provi *viva voce* fosthom lil **Joseph Pavia** li ddepona bhala rapprezentant tas-socjeta` attrici u kkonferma li:

*'saru l-pagamenti kemm lis-socjeta` Time International kif ukoll lis-surveyor David Curmi u b'kollox hallset is-somma ta' Lm1,531.48.'*

Illi **Manuel Borg** li jirrapprezenta lil Time International is-socjeta` assigurata u kkonferma li:

*“fis-sena 2000 kienu mportaw merkanzija konsistenti fi frejms tan-nuccalijiet tax-xemx u l-hgieg tal-istess u meta din il-merkanzija giet ikkonsenjata lilhom innotaw li kien hemm merkanzija nieqsa u ghalhekk huma kienu nformaw b'dan kollu lill-kumpanija assikurattiva taghhom cioe` l-attrici u s-socjeta` konvenuta Freight Services Ltd. Din ta’ l-ahhar kellha l-kompitu li tiehu hsieb it-trasport tal-merkanzija gewwa Malta.'*

Fil-fatt Manuel Borg jikkonferma li s-socjeta` konvenuta Freight Services kienet gia` akkonoxxenza ta' dawn in-nuqqasijiet.

Illi fil-fatt is-socjeta` attrici ressqet ukoll bhala provi *viva voce* lil David Curmi li kkonferma s-*survey report* li hejja hu stess fuq l-oggetti nieqsa. Jispjega dan ix-xhud li:

*“irrizultali kien li l-kaxxa li fiha kien hemm dawn in-nuccalijiet tal-marka Oakley u li kienet gejja mill-Amerika kien hemm l-kaxxa li fiha kien hemm dawn in-nuccalijiet kienet infethet qabel ma inghatat lir-ricevitur u kienu ttiehdu minn go fiha nuccalijiet. Il-kaxxex tan-nuccalijiet kienu regghu tpoggew f'din il-kaxxa u l-kaxxa kienet regghet giet maghluqa cioe` re-sealed. Kien hemm sebgha u sittin nuccali nieqes li b'kollox kienu jiswew elf sitt mija u tletin lira (Lm1,630). <u>Din kienet merkanzija ta' certu valur u ghalhekk fuq il-kaxxa kien hemm sinjali li jghidu li jekk wiehed jinduna li l-kaxxa kienet infethet kellhom isiru l-verifiki necessarji”</u>.*

*“Tajt parir lill-importatur ukoll biex jibghat il-kawtela ghar-rigward kemm tas-socjeta` Air Malta kif ukoll tal-Freight Services”.*

Is-socjeta` attrici ressqet ukoll lil **Vito Aufieri**, direttur tas-socjeta` konvenuta Freight Services Ltd li ddikjara:

*“Nikkonferma li ahna niehdu hsieb ghar-rigward tal-merkanzija li tkun ingiebet minn barra mis-socjeta` Time International Ltd. li wara li din tasal hawn Malta nghadduha mid-Dwana u nikkonsenjawha lill-importatur. [...] Nikkonferma li ahna konna kklirjajna l-merkanzija mid-Dwana. Qed nerga' nara dawn id-dokumenti u nghid li hemm dokument nieqes fis-sens illi kien hemm ghar-rigward ta' din il-merkanzija dokument li kien jindika illi l-merkanzija kienet rilaxxata bil-hsara [...] F'dan ir-rigward naghmel referenza ghad-dokument li jinsab fol. 68 liema dokument huwa ittra taghna li jaghmel refenza ghal dawn id-dokumenti li ghadni kif semmejt cioe` li jindikaw li l-merkanzija kienet giet rilaxxata bil-hsara. [...] nghid illi d-Dwana ghandha l-policy illi fuq id-dokument li jinghata lill-klijent ma tnizzilx jekk kienx hemm hsara jew le pero` taghmel dawn ir-rimarki fuq id-dokument tal-Air Malta li kien jindika li kien hemm il-hsara in vista ta' dak li hemm kontenut fid-dokument a fol. 68. [...] <u>Nghid li l-airway bill gie mahrug mill-Alitalia. Nghid ukoll li l-Air Malta tiehu hsieb li tihhendilja l-merkanzija kollha, u ghalhekk jiena ghamilt referenza ghal dokument tal-Air Malta li kien</u>*

*jindika li l-merkanzija kellha hsara. [...] Qed nesebixxi dokumenti "VAX 01" sa "04" (fol. 101 sa 105)".*

*"Irrilaxxajna l-merkanzija kien hemm rapport tad-Dwana li kien jindika li kien hemm xi danni jew nuqqasijiet u dan skont id-dokumenti li ghadni kif esebejt. Nikkonferma illi d-dokument li ghadni kif esebejt illum, cioe' dawk tad-Dwana, jiena kont gibthom minghand id-Dwana fil-hin li sar ir-rilaxx".*

"Fil-frattemp cioe' minn meta l-merkanzija nizlet minn fuq abbord sa kemm inghatat lill-konsenjatarju din kienet fil-pussess tal-Air Malta".

**Emanuel Galdes** li huwa Fizzjal tad-Dwana u jikkonferma li:

*'[...] jien kont il-persuna nkarigata mir-rilaxx tal-affarijiet mertu ta' din il-kawza. Niftakar li l-oggetti mertu ta' din il-kawza kienu frames ta' nuccalijiet u lenti. Dawn kienu diversi kaxxi u f'dan il-kaz qed nitkellmu fuq kaxxa numru 1. Dan suppost gew 88 oggett. Meta dawn gew fl-area tar-rilaxx tad-Dwana u jigu minghand l-Air Malta permezz tal-impjegati taghhom minn ikun ser jirtira x-xoghol jipprezenta d-dokumenti dak li qed nara bhala release order flimkien ma' dokumenti annessi, l-ewwel nghodd il-kaxxi biex nara l-ammont ta' kaxxi jaqbilx mad-dokumenti. L-iktar li jinteressani nara jekk ikunx hemm xi affarijiet strambi fil- packaging bhala affarijiet imqattghin. Fil-kaz in ezami niftakar li kien hemm kaxxa partikolari numru 1 li kellha 88 oggetti li ma kinitx tidher fi stat tajjeb u l-persuna li giet ghar-rilaxx tal-istess merkanzija talbitni nghodd l-affarijiet ta' gol-kaxxa maghha. Min kien dan ir-rapprezentant ma niftakarx. Meta ghoddejt l-affarijiet fil-fatt sibt li kien hemm 37 oggett u tal-Air Malta kienu wkoll indunaw li din il-kaxxa partikolari kellha xi haga u dawn kienu prezenti waqt l-ghadd tal-oggetti. Ahna min-naha taghna mbaghad naghmlu notament peress li jista' jintalab certifikat mill-kontrallur tad-Dwana fuq dan l-istat ta' fatt. Qed nigi muri fol. 38 u 39, u fol 101 u 102, u nikkonferma li huma kitba tieghi u wahda minnhom hija kopja [...] Li*

*nista' nghid hu li l-originali li huwa a fol. 101 u 102 huma tieghu u dawn huma korretti".*

*"Nikkonferma li r-rilaxx kien fit-28 ta' Lulju 2000. Fil-fatt in-notament huwa datat 31 ta' Lulju tal-istess sena. Dan kien xoghol li sar il-Gimgha u minhabba s-sistema tal-computers li ghandna wiehed irid jidhol it-Tnejn u jaghmel certa xoghol".*

*"Qed nigi muri l-kitba li hemm bil-miktub fit-tieni pagna tal-istess dokument u nghid illi din kitbitha billi kien hemm tmienja u tmenin oggett.....fl-attached packing list, din il-packing list hija dokument iehor li minnhom meta gew spezzjonati gew biss 37 oggett kaxxa li kienet misjuba li giet pprezentata lili mid-Dwana ndikati bhala damaged kienet diga` miftuha u nkisru. [...] <u>nikkonferma li r-rilaxx isehh fil-presenza ta' min qed jirtira x-xoghol fil-presenza tal-Air Malta illi jgibu dan ix-xoghol, u kullhadd ikun jaf x'oggetti nieqsa u danneggati</u> ikun hemm jiena jkolli ..... u nimxi fuqhom dawn il-.... Imbghad jiddisponi minnhom. <u>Jien il-hsarat ikkonstatajthom mill-mument illi l-kaxxa giet miftuha".</u>*

Xehed ukoll **Saviour Mallia** impjegat ta' l-Air Malta li ddikjara li:-

*'Sibt il-manifest li kien imtella mill-Alitalia minn Ruma ghal Malta fejn il-'konsenja partikolari mertu ta' din il-kawza sibt nota illi permezz taghha tindika fuq l-istess dokument illi kien iccekkja in kwistjoni u li sab illi kien hemm zewg kaxxi minn sitta indikati minnu bhala damaged AZ li jfisser Alitalia security tape dan ifisser li l-kaxex indikati mill-kollega tieghi kienu gia` ddannegjati dan ifisser illi jew waqt it-tghabbija go l-arjuplan Ruma innutawhom li kienu damaged u ppeccjawhom bit-tape li hemm indikat fuq l-istess dokument.'*

<u>**Kontestazzjoni tal-aggravji**</u>

Illi mill-provi kif prodotti jirrizulta li l-attrici rnexxielha tipprova l-kaz taghha. Is-socjeta` Time International Ltd.

xtaqet timporta mill-Amerika diversi oggetti fosthom nuccalijiet tax-xemx tad-ditta Oakley.

Illi din il-merkanzija kienet ser tigi f'kaxxa li fiha kien ser ikun hemm 88 *item*. Fuq barra ta' din il-kaxxa kien hemm indikazzjoni cara li billi l-merkanzija kienet ta' certa valur kif ikun hemm xi e*vide*nza ta' tbaghbis mal-kaxxi kellhom jsiru l-verifiki necessarji sabiex jigi konstatat jekk il-kontenut tal-kaxxi kienx ghadu hemm kollu. Jidher car li meta din il-merkanzija giet ikkonsenjata lis-socjeta` Time International Ltd fil-31 ta' Lulju 2000, din il-merkanzija ma kinetx shiha hekk kif din giet ordnata mis-socjeta` Time International. Inkarigata mir-*release* tad-Dwana u bil-vjagg mill-ajruport ghal ghand Time International kien hemm is-socjeta` konvenuta Freight Services.

Illi fil-fatt mal-wasla tal-merkanzija gie nnotat li kien hemm madwar 67 nuccali nieqes li l-valur taghhom anke skont id-dokumenti ta' importazzjoni jammonta ghal Lm1,500.

Illi s-socjeta` Time kienet assigurat din il-merkanzija ghall-vjagg taghha mas-socjeta` attrici *noe* li giet mgharfa mill-assikurata taghha li l-merkanzija kienet waslet b'nuqqasijiet. Immedjatament is-socjeta` attrici kkummisjonat *surveyor* indipendenti sabiex jikkonstata l-istat li fihom kienu waslu l-oggetti. David Curmi s-*surveyor* jiddikjara li 67 nuccalijiet bil-lenti taghhom kienu nieqsa mill-kaxxa numru wiehed. Il-kaxxex tan-nuccalijiet kienu regghu inghalqu u tpoggew gewwa l-kaxxa taghhom.

Illi David Curmi jikkonferma li fuq barra ta' dawn il-kaxxi l-kbar kien hemm avviz biex jigu vverifikati l-oggetti ta' gewwa l-kaxxa jekk jidher li hemm xi ftuh fil-kaxxex. Is-*surveyor* ipprezenta l-kont ghas-servizzi tieghu li gie mhallas mill-attrici. Ghalhekk l-ewwel element li gie pprovat mill-attrici hu li fil-fatt kien hemm oggetti li waslu ghand l-assigurata taghha nieqsa minkejja li dawn gew ordnati u mhallsa u gie stabbilit il-valur ta' dawn l-ggetti li gew mankanti kif ukoll l-ispejjez marbuta mal-*claim* u *survey* li sar.

Illi t-tieni element li ried jigi ppruvat fil-kawza tas-socjeta` attrici, kien fil-fatt min fil-katina ta' persuni li fil-pussess taghhom kien hemm il-merkanzija meta rrizulta dan in-nuqqas. Fil-fatt jirrizulta li l-merkanzija giet trasportata minn Ruma f'ajruplan tal-Alitalia li wassal il-merkanzija f'Malta.

Illi wara dan l-istadju u hekk kif l-oggetti jitilqghu l-ajruplan tal-Alitalia dawn jigu kkonsenjati f'idejn il-*handlers* tal-Air Malta li permezz ta' ftehim li gie pprezentat fl-atti tal-kawza dawn jikkostiduhom sakemm ikun hemm *customs release* u jingabru mill-importatur jew l-agent taghhom. *Di fatti* l-merkanzija giet depozitata ghand l-Air Malta mid-data li waslet il-merkanzija u cioe` is-26 ta' Lulju 2000 u l-31 ta' Lulju meta din giet effettivament rilaxxata.

Illi f'dan l-istadju jkun hemm il-Kontrolluri tad-Dwana li jippermettu r-rilaxx ta' l-oggetti li jingabru mill-importatur jew l-agent tieghu. F'dan il-kaz l-importatur Time International kien inkariga lil Freight Services sabiex jiehu hsieb tar-rilaxx u jwassal il-merkanzija ghal ghand l-istess Time International. Minn din il-katina shiha jidher car li l-oggetti nieqsa kienu gia` mankanti qabel is-socjeta` Freight Service Ltd giet fil-pussess taghhom. Dan il-fatt hareg car daqs il-kristall minn dak li xehed ir-rapprezentant tal-istess kumpanija Vito Aufieri kif ukoll minn dak li xehed il-Fizzjal tad-Dwana li kien responsabbli ghax-xoghol dakinhar, Emanuel Galdes li ssostanza dak li beda jghid permezz tar-*release order* li kopja taghha tinsab a fol. 39 kif ukoll kopja ohra tinsab a fol 101.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta` Freight Service jiddikjara li meta x-xoghol johrog mid-Dwana dawn tal-ahhar johorgu *release order* li tkun *in duplicate*. Wahda tinghata lil min ikun qed jigbor ix-xoghol mentri l-ohra tinzamm mid-Dwana stess. Jikkonferma dan kollu l-istess Fizzjal Galdes. Dawn iz-zewg xiehda jikkonfermaw fatt importanti hafna li fil-kopja li d-Dwana zzomm ghandha din tnizzel rimarki fuqha jekk ikun il-kaz.

Illi fuq il-kopja li tinghata lil min jigbor ix-xoghol ma jitnizzlux rimarki. F'dan il-kaz jirrizulta mill-fatti li l-Fizzjal

kien ghamel rimarki fuq ir-*release order* tieghu u kien nizzel li mit-88 *item* kien hemm biss 37. Dan in-notament jidher fuq dan id-dokument kifipprezentat fl-atti tal-kawza u l-istess Fizzjal Galdes ikkonferma li dik kienet il-kitba tieghu stess.

Illi Galdes jikkonferma li d-dokument ma kienx jinstab ghand Time International billi kien ghadu fil-pussess tieghu u ghalhekk per konsegwenza l-attrici ma kellhiex mad-dokumentazzjoni taghhom u ghalhekk iccitat lis-socjeta` konvenuta Freight Services li jidher li fil-mument meta din marret biex tigbor il-mekanzija l-*items* gia` kienu nieqsa.

Illi jkompli jikkonferma Galdes li meta l-merkanzija waslet quddiemu kien jidher li kien hemm kaxxa numru 1 li kienet giet miftuha u ghalhekk quddiem l-Ufficjali tal-Air Malta Galdes ghamel *check* ta' dak li kien hemm gewwa din il-kaxxa u rrizulta li kien hemm ammont ta' nuccalijiet u *lenses* nieqsa minn din il-kaxxa.

Illi l-Ufficjali tal-Air Malta kienu konsapevoli ta' dak li kien qed jigri u tan-nuqqasijiet riskontrati f'din il-kaxxa. Hareg car mill-provi wkoll li kemm damet il-merkanzija fil-pussess tal-Alitalja ma kien hemm ebda hjiel li kien hemm xi *items* nieqsa, fil-fatt il-Cargo Manifest kien *clean*.

Illi l-unika notament li kien sar mill-Ufficjali tal-Alitalia kienet li kien hemm zewg kaxxi mill-konsenja shiha li kienet danneggata u ghalhekk kellhom jaghmlu *tape* apposta biex din il-hsara fil-kaxxex minn barra ma tizdiedx.

Illi pero' dawn ma kinux qed jirriferu ghal kaxxu numru 1 li minnha kien hemm *items* nieqsa u dan il-fatt juri wkoll li l-Alitalia kienu ferm attenti ghall-merkanzija, u li kieku l-kaxxa numru 1 kienet gia` miftuha kien ikun obbligu taghhom li jaghmlu l-verifiki necessarji sabiex jaraw jekk kienx hemm *items* nieqsa minn xi kaxxa. Pero' dan kollu ma kienx. Ebda wahda mill-kaxex, inkluz kaxxa numru 1 ma kinetx miftuha sa dak l-istadju.

Illi li kieku kien hekk, kien ikun hemm notament f'dan is-sens fil-*cargo* manifest, u dan billi tal-Alitalia, anke jekk kien hemm kaxxi bil-hsara, ghamlu notament taghhom u li kieku kien hemm kaxxa miftuha dawn kienu ser jivverifikaw il-kontenut tal-kaxxa kif fuq kollox titlob u jirrikjedi l-avviz li hemm barra kull kaxxa. Ghalhekk dawn il-fatti huma cari u inekwivoci.

Illi l-istadju fejn fih il-kaxxa numru 1 giet miftuha kien meta l-merkanzija kienet fil-pussess tal-Air Malta.

Illi t-tielet element li ghandu relevanza fil-kawza in ezami hija dik li tirrigwardja l-eccezzjonijiet sollevati kemm mill-konvenuta Air Malta kif ukoll mis-socjeta` Alitalia u cioe` dik li qed jipprevalixxu mid-dritt li skont il-Warsaw Convention is-socjeta` li qed iggor ghandha d-dritt li tigi nformata b'dak li jkun gara mill-impurtatur jew l-agent taghha fi zmien 14-il gurnata minn meta tasal il-merkanzija fil-pajjiz tad-destinazzjoni.

Illi naturalment u gustament l-intenzjoni wara provvediment bhal dan huwa li l-kumpanija tal-garr tkun informata mill-aktar fis possibli li sehhet hsara jew serq fil-merkanzija, sabiex din il-kumpanija tkun avzata mill-aktar kmieni possibbli biex il-provi jkunu ben ippreservati u ssir il-verifika tal-fatti. B'hekk is-socjeta` li qed iggorr ma tkunx impoggija f'posizzjoni ta' zvantagg u pregudikali ghaliha. Din hija dak li l-ligi hija ntiza li thares f'dawn ic-cirkostanzi. B'hekk fl-ewwel lok f'dan il-kaz is-socjeta` konvenuta Air Malta ma tista' qatt tiddefendi ruhha b'tali privilegg ta' informazzjoni. Dan billi l-attrici nformat lis-socjeta` Air Malta b'dak kollu li kien gara u dan fuq parir minn David Curmi *ai termini* tal-konvenzjoni msemmija.

Illi fuq kollox l-Air Malta kienet l-ewwel wahda flimkien ma' l-Ufficjal tad-Dwana li kienu jafu ezatt dak li kien gara lill-merkanzija in kwistjoni. Dan billi sa meta din il-merkanzija kienet f'zona konfinata *ossia* qabel ma din tghaddi l-*customs* gia` saru jafu li kien hemm merkanzija nieqsa u dan billi l-Air Malta flimkien mal-Ufficjali tad-Dwana kienu qed jghoddu l-merkanzija u jaraw x'hemm nieqes mill-kaxxa numru wiehed. Zgur ma jistghux jghidu l-Air Malta li

ma kinux informati u ghalhekk impoggi f’posizzjoni zvantagguza u pregudikali ghalihom. L-iskop u l-obbligu li tinforma l-*carrier* huwa fil-fatt sabiex dan ikun maghrraf b'dan kollu u l-Air Malta kellha l-informazzjoni kollha necessarja mill-ewwel.

Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghal dak fuq espost l-Air Malta f’dan il-kaz ma tistax tipprevalixxi ruhha minn din id-difiza billi hi mhux *carrier* imma *handler*. Qed issir ampja referenza ghall-kawza **“Alexander Nandwani vs. Joseph N. Tabone *nomine*"** deciza fis-16 ta' Marzu 1993, liema kawza kienet titratta kwistjoni identika ghal dik mertu ta' din il-kawza fejn is-socjeta` attrici kienet qed timporta merkanzija minn barra.

Illi din il-merkanzija giet trasportata minn *carrier* Air Ewrope li wasslet il-merkanzija fil-mitjar ta' Malta li giet *handled* mill-Air Malta sakemm din waslet ghand l-importatur. F'cirkostanza identika, irrizulta li kien hemm nuqqas fil-merkanzija u sussegwentement l-importatur harrek lill-Air Malta biex taghmel tajjeb ghal tali nuqqasijiet. L-Air Malta da parti taghha eccepiet li skont il-Warsaw Convention is-socjeta` attrici kellha tinformaha fi zmien 14-il gurnata minn meta waslet il-merkanzija. F'dan il-kaz il-Qorti cahdet din l-eccezzjoni tal-Air Malta billi qalet li l-konvenzjoni msemmija ma kinetx tapplika ghas-socjeta` Air Malta billi r-rwol taghha fil-kwistjoni kien wiehed ta' *handler* u mhux ta' *carrier* li din kienet Air Ewrope. B'mod ghal kollox identiku fil-kaz in ezami l-*carrier* ma kienetx l-Air Malta imma l-Alitalia mentri l-Air Malta kienet inkarigata l-*handling* u l-isdoganar tal-merkanzija. Konsegwentement fil-konfront tal-Air Malta japplika l-principju generali li danni *ex contractu* l-preskrizzjoni hija wahda ta' hames snin.

Illi mill-provi prodotti hareg car li r-rwol tas-socjeta` konvenuta Air Malta kien dak ta' *handler*. Fil-fatt fil-kors tal-kawza gie pprezentat *in atti* kopja tal-kuntratt li jezisti bejn l-Air Malta u l-Alitalia fejn juri bic-car li l-Air Malta tassumi dawn l-obbligi bhala *handler* meta l-*carrier* Alitalia tkun qed iggorr merkanzija f’Malta u fil-fatt l-Air Malta jidher mill-istess dokument li tithallas *handling charges*.

Illi l-Airmalta tipprova taghmel dan sabiex hi tittenta tipprevalixxi ruhha mid-dritt kontenut Warsaw Convention u tahrab mir-responsabbilta` taghha;

Illi *di piu`* kemm fin-nota ta' eccezzjonijiet kif ukoll fin-nota guramentata s-socjeta` konvenuta Air Malta tiddikjara, *di proprio mano* li l-*carrier* f'dan il-kaz ma kinetx hi imma kienet l-Alitalia. Bhala *handler* l-Air Malta kellha l-obbligu ta' depozitarja tal-merkanzija sal-mument li din tghaddi ghand l-importatur. Matul dan iz-zmien l-Air Malta bhala *handler* u bhala depozitarja ghandha l-obbligu li tikkonsenja l-merkanzija lill-importatur fl-istat, kwalita` u kondizzjoni li rcevietha.

Illi fl-istadju ta' Appell, l-Air Malta, konxja tal-fatt li m'ghandiex d-difiza u l-protezzjoni tal-*carrier* introduciet eccezzjoni ulterjuri li hi m'ghandha ebda relazzjoni mal-attrici. Jigi rilevat l-ewwel nett li din hija eccezzjoni li ma tresqitx fl-istadju tal-ewwel istanza u l-attrici ma ddifendietx ruhha minnha u ghalhekk mhux permess li titressaq f'dan l-istadju. Madanakollu jidher li hemm relazzjoni bejn il-partijiet u dan johrog mill-fatt li l-Air Malta l-kustodju tal-merkanzija fiz-zmien li din kienet fil-pussess taghha;

Illi ghalhekk u fid-dawl tal-provi kif prodotti liema ma gew bl-ebda mod ikkontestati jigi sottomess li l-attrici pprovat il-kawza taghha *ossia* li s-socjeta` assigurata taghha ordnat merkanzija w inkarigat lis-socjeta` konvenuta Freight Services sabiex iggor u tikkonsenja din il-merkanzija sa quddiem il-bieb tan-negozju taghhom. L-Alitalia kellha iggorr bl-ajru din il-merkanzija, kif fil-fatt ghamlet, gewwa Malta. Jidher mill-provi li sa meta din ghamlet hekk ma kienx hemm merkanzija nieqsa. Pero' wara li din il-merkanzija giet fil-pussess tal-Air Malta rrizulta li kienu naqsu l-oggetti kif indikati aktar qabel. L-unika difiza li ressqet is-socjeta` konvenuta Air Malta kienet li l-attrici kellha tinforma *ai termini* tal-Warsaw Convention li titratta il-garr ta' merkanzija bl-ajru. Din l-eccezzjoni giet fix-xejn billi anke' skont dak li eccepiet l-istess socjeta` Air Malta l-eccezzjonijiet taghha hi ma kinetx il-*carrier ergo* l-

konvenzjoni ma tapplikax ghaliha. Dan gie wkoll sostnut mill-gurisprudenza lokali;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet ir-risposta tal-attrici ghandha tigi milqugha mentri l-appell tal-konvenuta ghandu jigi michud bl-ispejjez.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, l-attrici appellata tissottometti bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad dan l-appell filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta Air Malta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Philip Sciberras fejn astjena mill-kawza.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti hekk presjeduta ghas-seduta tal-4 ta’ Frar 2009.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-4 ta’ Frar 2009 meta ssejjah l-appell deher Dr. Franco Vassallo u Dr. Joseph Camilleri ghall-Air Malta, Dr. Marouska Cilia Barbara ghas-socjeta` Freight Services Ltd., u deher Dr. Christian Grima ghas-socjeta` kjamata in kawza Alitalia. Dr. Cilia Barbara tat ruhha b’notifikata bl-avviz tas-smigh tal-appell. Il-kawza giet posposta. Meta rega’ ssejjah l-appell deher ukoll Dr. Mark Mifsud ghas-socjeta` appellata SMS Insurance Agency Ltd. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Mejju 2009 u tat-28 ta’ Mejju 2009 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-1 ta’ Gunju 2009.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan huwa appell tas-socjeta` konvenuta Airmalta p.l.c. li qed tibbaza l-appell taghha fuq tliet aggravji u cioe` illi:-

(i) L-Ewwel Qorti skartat it-tieni eccezzjoni taghha illi l-fatt illi ma kienx hemm avviz tal-hsara u n-nuqqas da parti ta' l-atturi *ai termini* tal-Konvenzjoni ta' Varsavja;

(ii) Illi l-Ewwel Qorti njorat l-ewwel eccezzjoni taghha u cioe` illi bhala *cargo handler* tas-socjeta` kjamata in kawza Alitalia Linee Aeree Italiane s.p.a., hija ma kellha l-ebda relazzjoni kontrattwali ma' l-atturi; u

(iii) Illi fil-mertu r-responsabbilta` ta' l-esponenti ma gietx ippruvata.

Illi permezz tal-ewwel aggravju, is-socjeta` appellanti tilmenta illi l-Ewwel Qorti skartat it-tieni eccezzjoni taghha rigward l-avviz illi kellu jinghata *ai termini* tal-Konvenzjoni ta' Varsavja. **Il-Konvenzjoni ta' Varsavja – Convention for the Unification of Certain Rules relating to International Carriage by Air** iffirmata f'Varsavja fl-1929 li taghmel parti mill-ordinament guridiku Malti, tipprovdi ghal rimedji kontra l-vettural f'kaz ta' danni.

Illi l-konvenzjoni, permezz ta' l-**artikolu 26,** timponi termini illi fihom persuna li tkun qed tistenna l-kunsinna ta' merkanzija u/jew oggetti, f'kaz ta' ilment, tavza lill-vettural bl-ilment taghha. Is-sub-inciz 3 ta' dan l-imsemmi Artikolu jimprovdi bhala rekwizit *sine qua non* illi dan l-avviz jsir bil-miktub. L-aggravju ta' l-appellanti jirrigwarda proprju dan il-punt u cioe` illi l-atturi fl-ebda mument entru t-termini imposti mill-Konvenzjoni ma ghamlu avviz bil-miktub dwar l-ilment taghhom.

Illi minn ezami tal-provi, jidher illi dan huwa minnu. Biss pero`, in kwantu ghar-responsabbilta` ghad-danni tas-socjeta` appellanti jrid jinghad illi *ex admissis* jirrizulta illi fil-kaz in kwistjoni hija kienet tinkwadra fil-vesti ta' *cargo handler*, qatt bhala vettural. Illi ghalhekk, anke jekk l-atturi kellhom l-obbligu li jaghmlu avviz bil-miktub ta' l-ilment taghhom, dan in-nuqqas jikkompromettilhom il-posizzjoni taghhom *vis-à-vis* l-vettural u cioe` l-Alitalia, mhux fil-

konfront tas-socjeta` appellanta *qua cargo handler*. Dan ghaliex il-limitazzjonijiet tar-responsabbilta` illi tipprovdi ghalihom il-Konvenzjoni jikkawtelaw lill-vettural u mhux lill-*cargo handler* gjaladarba r-rimedji provduti fil-Konvenzjoni huma rimedji illi persuna ghandha kontra l-vettural. Ghalhekk kwalunkwe kunsiderazzjoni ta’ responsabbilta` fil-konfront tas-socjeta` appellanti *qua cargo handler* ghandha tmur lil hinn mill-Konvenzjoni ta’ Varsavja u ghandhom japplikaw il-principji generali tal-ligi. Ghalhekk ukoll kwalunkwe pretiza ghad-danni ta’ l-atturi ma ghandhiex tkun limitata bit-termini u l-formalitajiet imposti mill-Konvenzjoni (ara **Alexander Nandwani vs Joseph N. Tabone noe** (Q.K. – 16 ta’ Marzu 1993)). Dan jinsab ikkonfermat mis-sentenza **“Cordina Insurance Agency Limited *nomine* vs Air Malta Plc”** (A.I.C. – 1 ta’ Novembru 2006) fejn jinghad li d-disposizzjonijiet tal-istess Konvenzjoni japplikaw biss a bazi tal-**artikolu 1 (2)** tal-imsemmija Konvenzjoni *“according to the contract made by the parties”* u f’dan il-kaz ma jirrizultax li kien hemm kuntratt kif deskritt fl-istess Konvenzjoni mas-socjeta` appellanti. Ghalhekk dan l-ewwel aggravvju ma huwiex gustifikat u qieghed jigi michud.

Illi permezz tat-tieni aggravju, is-socjeta` appellanti tilmenta illi l-Ewwel Qorti skartat il-fatt illi bejnha u bejn l-atturi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika, minkejja illi dan il-punt tressaq formalment permezz ta’ l-ewwel eccezzjoni taghha. Din il-Qorti tosserva illi fl-ewwel eccezzjoni taghha, is-socjeta` appellanti illimitat ruhha u qalet biss illi hija ma kinitx il-*carrier* fil-kaz in kwistjoni u ghalhekk kellha tissejjah is-socjeta` Alitalia Linee Aeree Italiane spa fil-kawza. Ma saret l-ebda referenza ghar-relazzjoni guridika *o meno* tas-socjeta` appellanta ma’ l-atturi. Huwa risaput illi f’din l-istanza ma jistghux jigu kkunsidrati eccezzjonijiet godda li setghu tressqu quddiem il-Qorti tal-Prim’Istanza. F’dan is-sens din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **W.P. Limited vs A.X. Construction Limited** (A.C. – 3 ta’ Ottubru, 2008) fejn l-appellanta sostniet illi ma kellha l-ebda relazzjoni ma’ l-isptar in kwistjoni. Il-Qorti ta’ l-Appell irriteniet illi dan l-aggravju jammonta ghall-eccezzjoni gdida u rriteniet illi:-

*“L-aggravju kif propost infatti jammonta ghall-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ interess guridiku, eccezzjoni li ma nghatat f’ebda stadju ta’ din il-kawza in prim’istanza u ghalhekk l-ewwel Qorti qatt ma kellha l-opportunita` li tiddelibera u tiddeciedi dwarha. Mhux permess ghalhekk li f’dan l-istadju jittressqu eccezzjonijiet godda.”*

(Ara wkoll **Vincent Camilleri et v. Gaetano Aquilina (**A.C. - 16 ta’ Marzu, 2004). Ghaldaqstant dan l-aggravju wkoll ma huwiex gustifikat u ma jistax jintlaqa’.

Illi t-tielet aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi fis-sens illi l-Ewwel Qorti naqset milli taghmel apprezzament xieraq tal-provi mressqa. F’dan ir-rigward, gie kostantament ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta’ l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta’ kompetenza superjuri u ghandu jsir biss f’dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali illi jikkonvincu lill-Qorti ta’ revizjoni illi l-apprezzament ta’ l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat illi altrimenti tkun ser tigi krejata ngustizzja. Dan ghaliex huwa car li l-Ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma’ x-xhieda *viva voce* u kienet f’qaghda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibbilta` *o meno* taghhom. Vantagg li l-Qorti ta’ l-Appell generalment m’ghandhiex. (ara **“Elena Magri et vs Rosaria sive Rosa Borg”** (A.C. – 10 ta’ Frar 1961); **“Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella”** (A.C. - 5 ta’ Ottubru 2001); **“Carmelo Agius vs John Agius”** (A.C. (Inferjuri) – 2 ta’ Dicembru 1994); **“Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe”** (A.I. C. – 5 ta’ Marzu 2003) u recentement **“Dr. Adrian’s Garden Centre Co. Limited vs A.X. Construction Limited”** (A.C. – 4 ta’ Lulju, 2008)).

Illi fil-kaz in ezami, is-socjeta` appellanti targumenta illi l-atturi naqsu milli jippruvaw il-kaz taghhom peress illi naqsu milli jippruvaw f’liema parti tat-tragitt sehhew in-nuqqasijiet ilmentati minnhom. Din il-Qorti ma tikkondividix dan il-hsieb u dan minhabba x-xhieda mghotija u d-dokumenti prezentati fuq dan il-punt. L-iktar prova illi din il-Qorti thoss illi hija cara u turi illi n-nuqqasijiet sehhew waqt li l-merkanzija kienet f’idejn is-socjeta` appellanti

huma r-*release orders* (a fol. 138 *et seq)* prodotti minn Emanuel Galdes, Fizzjal tad-Dwana. Dawn juru illi l-merkanzija giet rilaxxata lis-socjeta` Freight Services Limited diga` bin-nuqqasijiet imsemmija fid-dokument. Din l-istess xhieda ta' Emanuel Galdes giet ukoll korroborata bix-xhieda ta' Vito Aufieri, direttur tas-socjeta` konvenuta Freight Services Limited. Jirrizulta ukoll minn din l-istess xhieda ta' Emanuel Galdes illi kaxxa partikolari tal-merkanzija u cioe` dik immarkata bin-numru 1 li suppost kellha 88-il bicca ma kinitx tidher fi stat tajjeb u fil-fatt gew mghaduda l-oggetti ta' gol-kaxxa u rrizulta illi kienu hemm 37 b'kollox u mhux 88. Jirrizulta, skond ix-xhieda ta' Emanuel Galdes, illi prezenti dakinhar ghal dan il-ghadd kien hemm ukoll ufficcjal tas-socjeta` appellanti. Ma jirrizultax illi l-merkanzija kienet nieqsa qabel dakinhar. Din il-Qorti tosserva precedentement l-imballagg ta' zewg kaxxi kien gie danneggjat u kien sar *tape* apposta mill-gdid mis-socjeta` Alitalia sabiex il-hsara ma tizdiedx. Ma jirrizultax pero` fuq liema kaxxi sar it-*tape*. Ma jirrizultax lanqas illi l-kaxxa numru 1 kinitx jew le wahda mill-kaxxi ddanneggjati u ghalhekk kienx f'dak l-istadju illi parti mill-merkanzija giet nieqsa. Pero` ma jirrizultax lanqas illi kien proprju f'dak l-istadju illi l-merkanzija naqset. Fid-dawl ta' dawn il-provi din il-Qorti thoss illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament xieraq tal-fatti u ghalhekk ma thossx illi ghandha tigi mibdula d-decizjoni illi tat l-Ewwel Qorti rigward ir-responsabbilta` tas-socjeta` appellanti fil-kaz in ezami. Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad it-tielet aggravvju.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta u tiddeciedi** billi fil-waqt li tilqa' r-risposta tal-appell tat-30 ta' Ottubru 2008 tas-socjeta` konvenuta Freight Services Limited, u dik tat-30 ta' Ottubru 2008 tas-socjeta` SMS Insurance Agency Ltd biss in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell** interpost mis-socjeta` konvenuta appellanti fir-rikors tal-appell taghha datat 15 ta' Lulju 2008 *stante* li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi u tikkonferma s-sentenza appellata fl-ismijiet **"SMS Insurance Agency**

**Limited *nomine* vs. Airmalta Co. Ltd et"** tal-25 ta' Gunju 2008 (Avv.Nru. 557/2004/SM) fejn ikkundannat lis-socjeta` konvenuta appellanti thallas lis-socjeta` attrici SMS Insurance Agency Limited *nomine* l-ammont ta' elf, sitt mija u tlieta u hamsin Lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm1,653.48) ekwivalenti ghal tlett elef, tmien mija u wiehed u hamsin ewro u hamsin centezmu (€3,851.57) bl-imghaxijiet legali dovuti.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------